**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16, ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 999/2021**

***ATLAS INSURANCE PCC LIMITED KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' MICHAEL CAMILLERI***

***V.***

***MICWEN GAUCI***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha ta' Atlas Insurance PCC Limited, wara li saret ammissjoni għalihom min-naħa tal-konvenut Micwen Gauċi;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**11 ta' Ottubru, 2021**, il-kumpannija attriċi fissret illi nhar it-23 ta' Ottubru, 2020 għal xi s-6.50 a.m. ħabtu l-karozza bin-numru MIC-673 misjuqa mill-assikurat tagħha Michael Micallef u l-karozza bin-numru JCF-064 misjuqa mill-konvenut Micwen Gauċi;

3. Hija tgħid illi l-ħtija ta' din il-ħabta kienet kollha kemm hi tal-konvenut, tant li huwa stqarr il-ħtija tiegħu mal-Pulizija fir-rapport tal-ħabta. Barra minn hekk, irriżulta li l-

konvenut ma kienx qiegħed isuq b'liċenzja valida għaliex dik li kellu kienet ġiet revokata;

4. Il-kumpannija attriċi tkompli tgħid li kif kienet marbuta illi tagħmel taħt il-polza ta' assikurazzjoni, hija għamlet tajjeb għad-danni mġarrba minn Michael Micallef, li telgħu għal €32,000, u wara l-ħlas hija ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu;

5. Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex iħallas, il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex:

> *i. Tiddikjara lill-intimat Micwen Gauċi unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt, ossija dak illi seħħ fit-23 ta' Ottubru, 2020, fi Triq Carmelo Caruana, Ħal Safi, u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet is-soċjetà esponenti;*
>
> *ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjetà esponenti fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000);*
>
> *iv. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà esponenti s-somma ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000);*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax b'effett mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat Micwen Gauċi li huwa inġunt għas-subizzjoni.*»

6. Il-konvenut wieġeb b'nota ffirmata mill-avukat tiegħu Frank Cassar fit-**<u>2 ta' Settembru, 2022</u>** (ara paġna 137 tal-atti). Fiha tniżżel dan il-kliem:

> «*Nota ta' Micwen Gauċi*
>
> *Li permezz tagħha qed jammetti t-talbiet attriċi.*»

***Fatti***

7. Skont rapport tal-Pulizija (ara paġni 6 sa 12 tal-atti tal-kawża), nhar it-23 ta' Ottubru, 2020 Michael Micallef kien qed isuq il-karrozza assikurata fi Triq Carmelo Caruana, Ħal Safi u l-konvenut Micwenn Gauċi kien qed isuq fl-istess

triq, iżda ġej mid-direzzjoni opposta. F'dan ir-rapport tniżżel li l-konvenut Gauċi qal li huwa tilef il-kontroll tal-karozza għaliex raqad fuq it-tmun u b'hekk spiċċa biex ħabat;

8. Bi ftehim tat-12 ta' Mejju, 2021 (ara paġna 36 tal-atti tal-kawża), il-kumpannija attriċi ħallset is-somma ta' €32,000 lill-assikurat tagħha Michael Micallef biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrab fil-ħabta tat-23 ta' Ottubru, 2020. B'riħet l-istess ftehim, Michael Micallef għażel li jissurroga l-jeddijiet tiegħu mnissla minn dan l-inċident favur il-kumpannija attriċi;

9. L-ammont ta' €32,000, bħala danni mħallsa mill-kumpannija attriċi lil Michael Micallef, ġie maħdum fuq il-bażi tan-natura tal-ħsarat fil-karozza, fuq il-valur tas-suq tal-vettura qabel il-ħabta u fuq il-valur tal-partijiet tal-karozza li kienu għadhom tajba u li setgħu jinbiegħu (*wreck value*). Dawn il-valuri ġew stmati minn James Merċieca ta' Andrew's Car Centre Ltd, fir-rapport tiegħu li jinsab f'paġni 14 sa 35 tal-atti tal-kawża;

10. Fil-11 ta' Ottubru, 2021 imbagħad saret din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti saret biex il-kumpannija attriċi tiġbor mingħad Micwen Gauċi l-flus li ħallset lil Michael Micallef minħabba l-ħabta li ġrat fit-23 ta' Ottubru, 2020 u li l-kumpannija attriċi tgħid li seħħet tort ta' Micwen Gauċi;

12. Fit-2 ta' Settembru, 2022 ġiet ippreżentata nota ffirmata mill-avukat Frank Cassar, f'isem il-konvenut Micwen Gauċi, skont l-**artikolu 180(2)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li biha ddikjara li l-konvenut Gauċi kien qed jammetti għat-talbiet kollha mressqa mill-kumpannija attriċi;

13. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.»*

14. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *«Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970.»*

15. Ta' min jingħad ukoll, li l-ġurisprudenza tgħidilna li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi u mhux li tiddikjara li l-mertu huwa eżawrit (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020);

16. F'dan il-każ, il-qorti għandha nota ta' ammissjoni miktuba u ffirmata mill-avukat tal-konvenut, li biha qiegħed jiddikjara li t-talbiet tal-kumpannija attriċi għandhom jintlaqgħu eżatt kif mitluba. Għalhekk, la hemm qbil min-naħa tal-konvenut li joqgħod għat-talbiet tal-kumpannija attriċi, allura l-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tgħarbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-kumpannija attriċi. Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess;

17. Il-qorti ttemm billi tgħid li l-ammissjoni mill-konvenuti ġiet reġistrata fit-2 ta' Settembru, 2022 u din is-sentenza qiegħda tingħata b'ħarsien mat-terminu ta' disgħin jum imsemmi fl-**artikolu 219A tal-Kap 12 tal-Liġijiet**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tilqa'</u>** t-talbiet kollha kif imressqa mill-kumpannija attriċi, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.

---

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**